# Minuti

## Seduta b'Urġenza Nru. 28/2012

Data: Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Mario Xuereb – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*

- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll ta' Birkirkara.

## AĠENDA

1. Proġett ta' Tindif fl-Għalqa tas-Sisla.

## Kontenut

Annex A Minuti 28/2012

**Minuti 28/2012**

## 1. Proġett ta' Tindif fl-Għalqa tas-Sisla.

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:35pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

1.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li kellha tisejjaħ laqgħa b'urġenza għar-raġuni bla mistenni minn dak li qed isir ħdejn il-Parroċċa tas-Swatar. Fl-aħħar Kunsill ta' Birkirkara is-Sindku kien qal li ser jagħmlu t-Triq ta' Ganu u l-iskart li jkun fiha ser jgħattu dik il-biċċa art u għalissa ssir bħala parkeġġ. Waqt il-laqgħa tal-Kunsill iżda ma ġewx infurmati li f'daqqa waħda u bla mistenni qed issir bankina.

Iċ-*Chairperson* ġiet infurmata mill-Kappillan tal-Parroċċa fejn ħadha bi kbira għax ħaseb li ġejja mill-Kumitat Amministrattiv mentri l-Kumitat qatt ma kien infurmat. Meta ċ-Chairperson talbet lis-Segretarju ta' Birkirkara sabiex tkellem lis-Sindku, is-Sindku infurmaha li l-Kumitat ma jindaħalx. Iċ-Chairperson qalet li dawn l-affarijiet mhux ser titollerahom iktar u d-Direttur għall-Gvern Lokali għandu jiġi nfurmat.

Il-Kumitat Amministrattiv qiegħed hemm biex ikun jaf x'inhu jiġri ġewwa s-Swatar, biex ma jsir xejn wara dahar il-Kumitat kif ukoll ikun infurmat bix-xogħol li jkun ser isir. Iċ-*Chairperson* ġiet infurmata mill-Kappillan li m'għandux isir xogħol li m'għandux isir għax eventwalment hemm għandha ssir triq li kien wiegħed Austin Gatt. Il-Kumitat mhux kontra x-xogħol iżda kontra l-fatt li xejn ma ġie kkonsultat u jikkundanna bil-qawwa kollha li s-Sindku jgħid li l-Kumitat m'għandux jindaħal.

Iċ-*Chairperson* qalet li mhix ser terfa ebda responsabbilta' jekk tintalab ħlas għall-danni fil-bini tal-Knisja, ikkawżati mix-xogħol fl-għalqa speċjalment fuq ix-xogħol tal-bankina. Meta ċ-*Chiarperson* iltaqgħet mal-Kappillan, isibu l-gates magħluqin bil-burdura tal-bankina. Hemm jgħaddu tad-diżabbilta', l-anzjani u ħafna nies oħra. Għalhekk għandu jintalab mill-Kunsill ta' Birkirkara fejn huma l-permessi ta' din il-bankina kif ukoll hux qiegħed ikun hemm il-perit biex jara x-xogħol jekk hux qed isir kif suppost.

Id-Direttur għall-Gvern Lokali għandu jgħid lill-Kumitat x'hinu l-irwol tal-Kumitat u xi dmirijiet għandu u jekk il-Kumitat m'għandux dritt li jkun infurmat x'ikun għaddej fiż-żona.

Meta ġiet imnaddfa l-għalqa, il-ħmieġ intefa' f'munzell ħdejn il-bankina li qed issir u jekk jereq hemm bix-xita jinqalaw il-problemi. Sar ħafna tgergir għax għalkemm hemm il-pajpijiet għaddejjin, kien il-Kappillan li kisser parti mill-bankina ta' quddiem il-gates. Il-Kappillan qiegħed ukoll jibża li jekk ikun hemm ix-xita, jistgħu iġarbu ħafna ħsara bl-ilma. Barra minn hekk bit-tħarbit li hemm qed jaqgħu in-nies ukoll.

1.1.2 Wara diskussjoni, il-Kumitat iddeċieda li jintalab mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara x'permessi kien hemm biex isiru x-xogħlijiet. Jekk jinstab li ma kienx hemm permessi, ix-xogħol jitwaqqaf

immedjatament. Jekk mill-banda l-oħra, hemm il-permessi neċessarji, tintalab laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi ċertifikat li x-xogħol qed isir kif suppost.

1.1.3 Il-Kumitat iddeċieda wkoll li tintalab laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali ħalli jiġi nfurmat x'inhu jsir u jiġi mistoqsi x'inhu l-irwol tal-Kumitat Amministrattiv vis-a-vis il-Kunsilli peress li l-Kumitat qed jiġi injorat mill-Kunsill ta' Birkirkara. Waqt il-laqgħa mad-Direttur jiġi mitlub ukoll ir-raġunijiet għaliex dan id-dewmien kollu biex tinħareġ l-emblema tal-Kumitat.

1.2 Il-laqgħa spiċċat fis-6:15pm.

____________________

*Chairperson*, KAS

____________________

Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data